**Minuti tal-467 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2016**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Bonniċi, is-Sur John J Pace, is-Sur Mark Grech, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Joseph Agius (Is-Sway).

Is-Sur Joseph Vella kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tal-466 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku.

Item 3 – Punti li joħorġu mill-minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi t-tabella ta' *no left turn* fi Triq Tumas Dingli qabel ma toħroġ għal Triq is-Santwarju kienet għada ma twaħħlitx.

Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għat-talba li saret mis-Sur John J Pace sabiex isiru *parking bays* fi Triq Lia. Is-Sinjura Calleja qalet illi jekk isiru l-*parking bays* fi Triq Lia kienu ser jintilfu ħafna *parking spaces* peress illi f'din it-triq hemm ħafna garaxxijiet. Is-Sur John J Pace qal illi kien ressaq dan l-ilment wara li kien irċieva talba minn resident.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx sar ir-*refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq A Caligari, Triq il-Qaqoċċ u Triq il-Fiġel. Is-Sindku qal illi kien inbeda x-xogħol ta' *refresh* ta' sinjali tat-traffiku f'diversi toroq inkluż f'uħud mit-toroq imsemmija.

Is-Sur John J Pace staqsa jekk il-Kunsill kienx neħħa r-*reserved parking* li kien hemm fi Triq is-Santwarju maġenb il-knisja. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur John J Pace tkellem dwar il-bżonn li jkun hemm żewġ *reserved parking* fi Triq G Agius Muscat maġenb il-knisja u talab sabiex il-Kunsill jerġa' jagħmel ir-*reserved parking* li tneħħiet, kif ukoll japplika ma' Transport Malta sabiex jinħareġ permess għal *reserved parking* oħra fil-viċinanzi tal-Knisja. Is-Sur Joseph Agius issekonda u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Joseph Bonniċi qal illi kien sar ir-*refresh* tad-*double yellow line* viċin ir-residenza 74, Triq il-Luq iżda xi ħadd kien reġa' ħassru. Is-Sur Bonnici talab li jitwaħħlu tabelli ta' *no parking* f'din il-kantuniera.

Is-Sur Joseph Bonnici rringrazzja lill-Kunsill għall-fatt illi kienet ġiet irranġata r-*road hump* li hemm fi Triq il-Luq.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li Sqaq San Vinċenz jingħalaq għat-traffiku billi ssir *bollard* tissakkar u kopja taċ-ċavetta titħalla fl-għassa tal-pulizija għal li jista' jinqala' bħal każi ta' emerġenza.

<u>Item 4 – Qari tal-minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill mibgħuta f'isem iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Kunsill Ċiviku għall-kollaborazzjoni li kien hemm fl-attività li saret fl-okkażjoni tal-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Galea, *Senior Allied Health Professional (Dental Hygienist)* tad-*Dental Public Health Unit* dwar talba sabiex jitpoġġa *Mobile Dental Clinic* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi fis-17 ta' Ottubru, 2016 bejn id-disgħa ta' filgħodu u n-nofs siegħa ta' wara nofsinhar u jingħata servizz b'xejn ta' *dental screening* lir-residenti. Is-Sur Joseph Galea talab sabiex jingħata servizz tad-dawl temporanju. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jinġieb il-Mobile Dental Clinic u l-Kunsill japplika għad-dawl temporanju sabiex ikun jista' jingħata dan is-servizz. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li din l-attività tingħata pubbliċità u li l-Kunsill jinforma lill-pubbliku illi din l-attività kienet ser tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi din l-attività kienet ser tittella' fil-paġna tal-*facebook* tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Claire Lauri dwar is-sensiela ta' sezzjonijiet informattivi bit-tema 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar'. Is-Sinjura Lauri talbet sabiex jintuża l-bini tal-Kunsill minflok is-sala tal-Kunsill minħabba diversi raġunijiet. Fuq proposta tas-Sinjura Anna l-Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li joffri l-bini tal-Kunsill sabiex tkun tista' tittella' din l-attività.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi ġiet aċċettata t-talba tal-Kunsill wara espressjoni t'interess għall-impjieg tat-tieni persuna b'diżabilità. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill illi kienet ser tintbgħat lista ta' persuni eleġibbli għal dan l-impjieg.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab lill-Kunsill biex ma jibqax iservi bħala membru fil-Bord tal-Għażla u talab lill-Kunsill sabiex jaħtar membru ieħor minfloku. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sur Joseph Vella bħala membru fil-Bord tal-Għażla.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament ukoll li tinħareġ sejħa għall-ingaġġ ta' skrivan/a (Skala 15) wara li kien ingħata l-permess mid-Dipartiment biex il-Kunsill jimpjega persuna oħra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-impjegata s-Sinjura Maria Livori dwar talba għal erba' xhur *unpaid leave* b'effett mit-3 ta' Ottubru, 2016 biex tkun tista' iddur b'ommha li għandha problemi ta' saħħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sinjura Livori kienet fil-perjodu ta' *probation*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' it-talba tas-Sinjura Livori.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Peter Mamo, mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern Direttorat tal-Artijiet fejn informa lill-Kunsill illi d-Dipartiment ma kienx sab oġġezzjoni sabiex jitwaħħlu *photovoltaic panels* fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku bil-kundizzjoni li jinġiebu permessi oħra li jista' jkun hemm bżonn.

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill talba mill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq biex jingħataw isem għal toroq ġodda bħal triq ġdida fi Triq San Leonardu, triq ġdida fi Triq il-Karmnu u triq ġdida fi Triq San Anard. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li triq ġdida fi Triq San Leonardu tissemma wkoll Triq il-Werżieq peress illi hija estenzjoni ta' din it-triq. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li triq ġdida fi Triq il-Karmnu tingħata l-isem Triq Anthony Livori. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li triq ġdida fi Triq San Anard tingħata l-isem ta' Trejqet Patri Arkanġlu Azzopardi.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur David Grech mill-*Primary Health Care* fejn il-Kunsill intalab jirreġistra d-dettalji tar-residenti li ser jieħdu t-titqieba kontra l-influwenza.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Nathan Attard fejn informa lill-Kunsill li kien qed jirrifjuta milli jokkupa l-kariga ta' Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ minħabba impenji personali oħra. Is-Sur Attard irringrazzja lill-Kunsill għall-fiduċja li wera fih. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lis-Sur Matthew Vassallo sabiex iservi bħala Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ b'mod immedjat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto, konsulent tal-Ministeru għat-Transport u Infrastruttura, sabiex għall-perjodu ta' xahar bi prova, Triq Patri Taddew Schembri issir *one-way.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jwaħħal it-tabelli tal-*one way* kif approvat.

Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li Triq Patri Taddew Schembri issir *one-way* minn naħa ta' Triq tal-Ħofra.

Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali relatata mal-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li għalissa ma kienx hemm bżonn li ssir din il-ħatra.

Item 6 - Approvazzjoni tal-minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Il-minuti tal-84 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Item 7 - Skeda tal-pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 22 t' Awwissu, 2016 sas-26 ta' Settembru, 2016 li kien jammonta għal €46,636.97. Dan ġie approvat unananimament fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar t'Awwissu li kien jammonta għal €98.76.

Item 8 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien qiegħed jitlesta x-xogħol ta' *railing* ġdid mad-dawra tal-iskola liema xogħol qiegħed isir mill-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius ~~(Is-Sway)~~ li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jippartecipa fil-kampanja *'Pink October 2016'* li ser issir fit-30 ta' Settembru, intiża biex tqajjem għarfien aħjar dwar il-marda tal-kanċer billi l-Mina ta' Ħompesch tiġi mdawwla b'lewn roża. (Emendat)

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li fil-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-offerti sottomessi għal xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini u toroq, minflok il-membru nominat il-Perit Edric Micallef jinħatar bħala membru il-Perit Joseph Zerafa Boffa.

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mal-kumpanija Greenpak dwar il-possibilità li jiġu nstallati *CCTV cameras* mal-*bring in sites.* Is-Sindku qal illi kienu qed isiru wkoll diskussjonijiet mal-*Cleansing Department* sabiex jiġu nstallati *CCTV cameras* fi Triq iċ-Ċimiterju. ~~u f'Misraħ is-Sliem.~~ (Emendat)

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill stima mibgħuta mingħand il-kumpanija *PTL Limited* sabiex jiġu nstallati *CCTV cameras.* Il-ħlas mitlub sabiex jiġu nstallati dawn ic-*CCTV cameras* huwa pagament ta' darba li jammonta għal €212.40 sabiex jiġi nstallat *pole* f'każ li ma jkunx hemm *pole* eżistenti, ħlas ta' darba għal prezz ta' €420.08 sabiex jiġu nstallati pannelli solari f'każ li ma jkunx hemm servizz ta' dawl u ħlas ta' €81.42 fix-xahar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC fejn ġie propost sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jiġu organizzati l-korsijiet tal-kompjuter ECDL fil-bini tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza dawn il-korsijiet mingħajr spejjeż għall-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li l-Kunsill jikteb lill-Grupp Armar tal-Festa sabiex ineħħu l-inkwatru li hemm imwaħħal mal-Mina ta' Hompesch.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi nhar ta' Tlieta l-*Maltapost* kienet ser tqiegħed *Mobile Post Office* fi Triq Alessio Erardi maġenb il-bini tal-Iscouts ta' Ħaż-Żabbar biex toffri s-servizzi tal-posta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din il-*Mobile Post Office* kienet ser tokkupa spazju ta' żewġ *parking spaces.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li l-Maltapost tqiegħed *Mobile Post Office* fi Triq Alessio Erardi.

Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mingħand ir-residenti sabiex jitneħħew il-*bring-in-sites* li hemm fi Triq Ħadd in-Nies u dawn jitpoġġew quddiem sit abbandunat fi Triq San Ġużepp. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi jista' jkun hemm ilmenti mir-residenti fuq dan ir-rigward. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jressaq il-*bring-in-sites* minn Triq Ħadd in-Nies.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol ta' kostruzzjoni fi Ġnien il-Kunsill kien miexi b'ritmu aħjar u qal ukoll illi fil-jiem li ġejjin kien ser jinbeda x-xogħol sabiex jiġu nstallati l-*CCTV cameras* kif ukoll id-dawl u l-istrutturi tal-bandli.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu qed isiru diskussjonijiet sabiex jitpoġġew *textile recycling bins* f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku qal illi fl-attività li saret fis-27 ta' April, 2016 flimkien mal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja A, Ħaż-Żabbar, kien inkera l-*ground* tal-*football* tas-St Patrick biex din il-faċilità setgħet tintuża għal din l-attività li kienet suċċess u li għaliha kien hemm parteċipazzjoni tajba ħafna.

Is-Sindku qal illi kien ġie ppubblikat avviż mill-Kunsill relatat mal-ġbir ta' skart, skart riċiklabbli u ġbir ta' ħġieġ fil-ktieb Leħen is-Santwarju liema avviż sar għall-ħlas ta' €130.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja ta' ktejjeb dwar Ħaż-Żabbar u l-istorja ta' din il-belt li l-Kunsill qiegħed jipproponi li jistampa sabiex jitqassam fl-iskejjel ta' Ħaż-Żabbar fl-okkażjoni tal-400 sena anniversarju tal-parroċċa. Is-Sur Mark Grech issekonda u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Mark Grech qal illi kien irċieva talba sabiex jitpoġġew *textile recycling bins* fl-Iskola Primarja A u fiż-żona ta' St Peter.

Is-Sur Joseph Agius qal illi l-ħarġa li kien organizza għall-persuni b'diżabilità kienet suċċess.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien diżappuntat illi matul il-quddiesa tal-festa ma kienx hemm post riservat għall-Kunsilliera fil-Knisja.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent, Triq Hompesch u Triq iċ-Ċawsli mill-Gvern Ċentrali.

Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab sabiex il-Kunsill jinforma lil Transport Malta biex qabel jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Hompesch, tiġi rranġata l-mina li hemm taħt l-art fil-parti ta' fuq ta' din t-triq.

Il-Viċi-Sindku talab li tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Qaqoċċ peress illi tinsab imkissra.

Is-Sur Mark Grech ressaq talba li kien irċieva mill-Iskola Primarja A li talbu sabiex ikun hemm *book box* fi Ġnien il-Kunsill. F'din il-*book box* persuna tkun tista' titfa' ktieb fiha u jieħu wieħed lura biex b'hekk ikun hemm skambju ta' kotba.

Fit-7.45 ta' filgħaxija s-Sur Brian Spiteri ~~Mark Grech~~ talab li jkun skużat. (Emendat)

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir *book box* fl-entratura tal-bini tal-Kunsill Lokali.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir tindif u manutenzjoni tal-mirji tat-traffiku li hawn fil-lokalità.

Is-Sur John J Pace semma l-ħtieġa li titnaddaf il-mera li hemm fi Sqaq Berqi.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir *road hump* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Triq il-Qaqoċċ.

Is-Sur Mark Grech semma l-ħtieġa li fi Triq ~~ix-Xgħajra ma~~ is-Santwarju ma Triq ix-Xgħajra jsiru sinjali taż-żebgħa bħala linji gwida għat-traffiku. (Emendat)

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir rampa għall-persuni b'diżabilità maz-*zebra crossing* li hemm fi Triq Hompesch fil-viċinanzi ta' Pjazza Medjatriċi.

Is-Sur John J Pace talab li tiġi rranġata ħofra perikoluża li hemm fi Triq Hompesch.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li titwaħħal tabella fi Triq Alessio Erardi fil-parti li tagħlaq sabiex tindika li l-karozzi għandhom jiġu pparkjati bis-*silencer* 'il barra minn mal-faċċata tad-djar.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal li l-attività li għamel għall-anzjani fl-14 ta' Settembru 2016 kienet suċċess u rringrazzja lill-Kunsill talli pprovda t-trasport. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fl-20 t' Ottubru 2016 kien ser jorganizza ħarġa oħra għall-anzjani.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-kumpanija Remax kienu lesti li joffru *U bars* għall-Kunsill bir-reklam ta' din il-kumpanija fuqhom.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jitwaħħlu tabelli ta' *slow signs* fi Triq il-Vittorja peress illi kien qed isir sewqan eċċessiv.

Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jitnaddfu diversi spralli fosthom l-ispralli ta' Triq Lia u ta' Triq il-Qalb Imqaddsa.

Fit-8.00 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li jkun skużat.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex tiġi rranġata bozza li tixgħel u titfi mar-residenza numru 152 fi Triq Lia.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-Kunsill jipprovdi trasport lill-anzjani sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu minn servizzi essenzjali minn Ħaż-Żabbar stess.

Is-Sur Mark Grech qal li l-Gvern Ċentrali kien iffirma ftehim mal-Kamra tal-Ispiżjara sabiex l-ispiżeriji li jwasslu mediċini b'xejn għall-pazjenti ta' età l'fuq minn 70 sena ikunu intitolati għal kreditu ta' taxxa ta' €14,000 biex ikopru l-ispejjeż tagħhom li jistgħu jinkludu x-xiri ta' karozza biex jitqassamu dawn il-mediċini.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi kien hemm xi ġebel imkisser fir-*roundabout* tal-monument ta' Agatha Barbara.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex Triq iż-Żinġla ssir *one way* u ma jkunx hemm dħul għal din it-triq minn Triq Santa Duminka.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-*bus shelter* li hemm fil-viċinanzi ta' *Scotts Supermarket* fi Triq il-Mina ta' Hompesch ma kienx qed jixgħel.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex isiru *cats eyes* fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

Is-Sur John J Pace tkellem dwar il-ħtieġa li jsiru l-*cats eyes* sabiex jindikaw il-*bollards* li saru quddiem *Scotts Supermarket* fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-*bollards* li kien hemm fi Triq Villabate ma' Triq San Ġużepp kienu nqalgħu u l-vetturi kienu qed jaqsmu *wrong way*.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex isir manutenzjoni tan-*notice boards* tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar it-tqegħid ta' gabbani u posti fi żmien il-ġranet tal-festa u qal illi l-*bar* li tpoġġa fi Triq is-Santwarju faċċata tal-venda l-antika ~~n-naħa t' isfel ta' Triq il-Kunvent~~ kien ħoloq ostaklu għat-traffiku. (Emendat)

Is-Sur Joseph Agius qal illi saret bankina faċċata tal-entratura tal-bandli iżda din ma kinitx saret bħar-ranep ta' Triq is-Santwarju. Is-Segretarju qal illi r-rampa tal-bankina ma tkunx l-istess bħar-ranep taż-*zebra crossing* li jsiru b'mod differenti minħabba persuni neqsin mid-dawl.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda għall-attività Merħba lill-Ħarifa u għall-attività Jum Hompesch li sar mill-Kunsill Ċiviku flimkien mal-Kunsill Lokali. Is-Sur Agius qal illi dawn l-attivitajiet kienu suċċess.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jitwaħħlu *floodlights* fis-sala tal-Kunsill sabiex jiġi mdawwal l-*istage* matul l-attivitajiet.

Is-Sur John J Pace talab li jinxtara pjanu ġdid biex jintuża għall-attivitajiet kulturali li jsiru mill-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rranġata bankina perikoluża li hemm faċċata tar-residenza numru 53 fi Triq Strickland.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-468 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016.

**IFFIRMATA**

Marc Vella Bonnici
Sindku